ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

PJAN PASTORALI 2005 - 2006



# NIMXU FLIMKIEN FID-DAWL TAL-MULEJ

sinodu MALTA

PJAN PASTORALI

# Nimxu Flimkien fid-Dawl tal-Mulej

**Inwettqu s-Sinodu fis-snin 2005-2006**

2004

ISBN: 99932 - 49 - 26 - 2
Website tas-Sinodu: http://www.sinodu.org.mt
Website ta' l-Arċidjoċesi: http://www.maltachurch.org.mt
© Arċidjoċesi ta' Malta, Floriana, 2004
Produzzjoni tal-Media Centre Publications
Stampat fil-Media Centre, Blata l-Bajda

# WERREJ


Messaġġ mill-Arċisqof ---------- v

Mixja li tkompli ---------- 1

X'inhu l-ħsieb tal-Pjan ---------- 3

Il-Viżjoni u l-Missjoni ---------- 6

L-Għanijiet tal-Pjan ---------- 8

1. Animazzjoni tal-Fidi ---------- 10
2. Ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija tal-Ħadd ---------- 15
3. Formazzjoni skond il-linji-gwida tas-Sinodu ---------- 19
4. Attenzjoni partikulari lill-familja u lill-adolexxenti/żgħażagħ ---------- 24
5. Stil ta' ħajja sinodali ---------- 32
6. Djalogu mas-soċjetà u impenn ta' qadi u solidarjetà ---------- 36

Biex il-ħidma titwettaq - Valutazzjoni ---------- 44

Nota:
F'dan il-Pjan:
Djoċ - tfisser Djoċesana
Kom - tfisser Komunikazzjoni
Kumm - tfisser Kummissjoni
Seg - tfisser Segretarjat

# MESSAĠĠ MILL-ARĊISQOF

Huwa l-pjaċir tiegħi li nippreżentalkom il-Pjan Pastorali tal-Knisja f'Malta għas-sentejn 2005-2006, bit-titlu *Nimxu Flimkien fid-Dawl tal-Mulej.*

Dan hu pjan li jkompli l-proċess tat-twettiq tas-Sinodu Djoċesan 1999-2003 – twettiq li beda sewwasew ma' l-approvazzjoni tad-dokumenti li ħarġu mis-Sinodu. Għalih kellna programm ta' ħidma 2003-2004, li wettaqna flimkien.

Is-Sinodu kien grazzja kbira għall-Knisja f'Malta u għas-soċjetà Maltija. Kien esperjenza qawwija ta' Knisja-komunjoni, li tfittex li tiġġedded u twieġeb għas-sinjali taż-żminijiet bil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Alla. Id-dokumenti tas-Sinodu juru t-triq li rridu nimxu flimkien fid-dawl tal-Mulej.

Għażilna bħala ikona, biex tkun quddiemna f'din il-mixja, ix-xbieha ta' Kristu u d-dixxipli ta' Għemmaws. F'dan ir-rakkont ta' l-Evanġelju (Lq 24,13-35) nilmħu lid-dixxipli flimkien ma' Kristu ħaj. Bil-preżenza tiegħu, Kristu jġib id-dawl mill-ġdid fid-dlam li kien waqa' fuqhom, u jagħmilhom ħabbara tad-dawl. Fost il-qtigħ ta' qalb u l-isfiduċja li kultant nistgħu nħossu fina u madwarna, hu Kristu li jagħtina t-tama u l-kuraġġ mill-ġdid. Hu bl-għajnuna tiegħu li l-Knisja tista' taqdi l-missjoni tagħha. Fin-nisġa ta' dan ir-rakkont naraw kull wieħed mill-għanijiet li għandna quddiemna f'dan il-pjan.

Permezz ta' dan il-pjan, il-Knisja f'Malta qed twieġeb ukoll għas-sejħa li għamel il-Papa Ġwanni Pawlu fl-Ittra Appostolika *Fil-Bidu ta' Millennju Ġdid,* 29: "Inħeġġeġ lir-rgħajja tal-knejjes lokali biex, bl-għajnuna ta' l-oqsma kollha tal-poplu ta' Alla, jippjanaw b'fiduċja l-iżvilupp tat-triq pastorali..."

Nirringrazzja lill-oqsma kollha tal-poplu ta' Alla f'Malta li taw kontribut għal dan il-pjan. Għalhekk qed jissejjaħ pjan armoniku, għax qed iqiegħed din it-triq quddiemna bis-sehem ta' ħafna flimkien u bl-impenn li naħdmu flimkien. Hu meta ngħixu din il-komunjoni li nistgħu tassew naqdu bl-aħjar mod il-missjoni tagħna bħala Knisja fis-soċjetà Maltija llum.

Inħeġġeġ lill-Knisja kollha f'Malta - saċerdoti, persuni ta' ħajja konsagrata, lajċi, b'mod speċjali l-operaturi pastorali u l-membri tal-għaqdiet u l-movimenti - biex b'qalb kbira, b'dedikazzjoni, u bi spirtu ta' komunjoni, nidħlu għat-twettiq ta' dan il-pjan fis-sentejn li ġejjin. Bl-għajnuna ta' Marija Ommna, aħna nkunu nistgħu nimxu flimkien fid-dawl tal-Mulej.

† Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

22 ta' Diċembru 2004



# MIXJA LI TKOMPLI

Matul is-Sinodu Djoċesan, il-Knisja f'Malta ddiskutiet temi partikulari li ħarġu mill-konsultazzjoni tas-Sinodu, u frott is-Sinodu ġew ippubblikati tmien dokumenti pastorali li huma l-gwida għall-Knisja f'Malta għas-snin li ġejjin.

Matul dan id-dixxerniment, ġew identifikati sitt valuri fundamentali li joħorġu mid-dokumenti kollha tas-Sinodu biex ikunu fil-bażi tal-ħidma pastorali għas-snin li ġejjin.

Il-programm 2003-2004 għall-ewwel fażi tat-twettiq tas-Sinodu (ippubblikat fil-ktieb *Is-Sinodu Nixxiegħa ta' Ħajja Ġdida – Tagħrif,* 38-43) kellu bħala għanijiet ewlenin:

- li jitwassal il-messaġġ tas-Sinodu;
- li jitwettqu proposti partikulari li hemm fid-dokumenti tas-Sinodu;
- li jitħejja pjan armoniku għas-sentejn 2005-2006.

Għalhekk, dan hu l-pjan armoniku 2005-2006 (i.e. Jannar 2005 – Diċembru 2006) biex ikompli l-mixja flimkien. Hu pjan li nħadem bil-kontribut ta' ħafna.

**Fil-bażi ta' dan il-pjan, hemm it-talb u d-dixxerniment, jiġifieri l-ftuħ għall-Ispirtu ta' Alla. Pjan ma jfissirx li nieħdu post il-Mulej, imma jfisser li aħna nwieġbu għal dak li jurina l-Mulej fi żminijietna ħalli hu jkompli jaħdem fina u aħna nkomplu t-twettiq tas-Sinodu b'impenn dejjem akbar.**

Għalhekk dan ifisser li għandha ssir enfasi kontinwa fuq il-formazzjoni spiritwali ta' dawk kollha li se jaħdmu dan il-pjan u ta' l-operaturi pastorali kollha. Din hija essenzjali. Hija din il-formazzjoni spiritwali li tagħti ruħ lil kull attività li tiġi ppjanata u li titwettaq mill-Knisja f'Malta.



# X'INHU L-ĦSIEB TAL-PJAN

- L-esperjenza u d-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan jagħtu l-viżjoni u jfissru l-missjoni tal-Knisja f'Malta għas-snin li ġejjin.

- Il-Pjan 2005-2006 jgħid kif il-Knisja f'Malta beħsiebha tkompli t-twettiq tas-Sinodu f'dawn is-sentejn. Dan il-pjan ikompli fuq il-Programm 2003-2004 għat-twettiq tas-Sinodu. Il-ħsieb hu li l-proċess ta' pjanar, twettiq, valutazzjoni, pjanar mill-ġdid, ikun wieħed kontinwu.

- Il-pjan għandu 'Viżjoni' u 'Missjoni' li jfissru t-twemmin u l-valuri tal-Knisja f'Malta li għandhom janimaw l-azzjoni pastorali.

- Il-pjan irid jgħin fil-mixja mis-sitwazzjoni preżenti għas-sitwazzjoni mixtieqa. Il-Knisja tagħraf fid-dokumenti tas-Sinodu analiżi tas-sitwazzjoni preżenti f'diversi oqsma tal-ħidma pastorali tagħha, kif ukoll tas-sitwazzjoni mixtieqa fid-dawl tas-sinjali taż-żminijiet.

- Il-pjan għandu sitt għanijiet mibnija fuq il-valuri tas-Sinodu – m'humiex qegħdin imniżżlin hawnhekk f'ordni ta' prijorità. Permezz ta' strateġija maħsuba u koordinata, il-mixja lejn dawn l-għanijiet tkun tista' titkompla b'impenn. Għalhekk il-pjan jindika l-ħidma, il-proġetti, il-mezzi u r-responsabbiltajiet.

- Qabel ma tfassal dan il-pjan fi proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa, sar ħafna xogħol preparatorju biex dawk li jissemmew jassumu r-responsabbiltà tal-ħidma li deħlin għaliha. Fil-fatt, dak li hu mniżżel f'dan il-pjan kif ukoll il-finanzjament tiegħu, qed ikun elaborat f'aktar dettall fil-pjani ta' ħidma ta' l-entijiet individwali responsabbli. F'diversi mill-proġetti tal-pjan, se jaħdmu flimkien diversi entijiet.

- Għall-ewwel darba, minbarra l-ħidmiet ta' l-organi ċentrali, il-pjan se jinkludi wkoll l-impenji li kongregazzjonijiet reliġjużi, parroċċi, għaqdiet, movimenti, komunitajiet u skejjel tal-Knisja qed jieħdu biex jgħinu fit-twettiq ta' l-għanijiet tal-pjan, fid-dawl tas-Sinodu. Dan hu pass importanti f'mixja li għandha twassal għal koordinament dejjem akbar tal-ħidma, bi tweġiba għas-Sinodu. Matul is-sentejn tal-pjan, se tkompli ssir ħidma biex iktar entitijiet fil-Knisja jieħdu impenji ċari bi twettiq tas-Sinodu.

- Il-pjan ma jinkludix biss proġetti ġodda, imma wkoll jagħti direzzjoni u orjentament lil dak li diġà qed isir, biex isir b'ħeġġa, b'impenn u b'koordinament akbar.

- Minbarra dak li jissemma f'dan il-pjan rigward il-parroċċi, ta' min jgħid li kull parroċċa ħejjiet ukoll pjan, fejn tindika kif se twettaq l-għanijiet imfissra f'dan il-pjan, skond l-indikazzjonijiet li ngħataw mis-Segreterija Pastorali fil-ktieb *Pjan Parrokkjali 2005-2006*. B'hekk hemm rabta mill-qrib bejn dan il-pjan ta' l-Arċidjoċesi u l-pjan ta' kull parroċċa f'Malta.

---

Dan il-pjan jinftiehem fid-dawl tad-dokumenti tas-Sinodu. Il-pjan jindika f'diversi partijiet tiegħu referenzi diretti jew indiretti għad-dokumenti tas-Sinodu, b'mod li joħroġ ċar għaliex hu pjan għat-twettiq tas-Sinodu. L-inizjali jfissru:

KM: *Il-Kuntest Malti* (introduzzjoni)
VKK: *Viżjoni ta' Knisja komunjoni*
KSK: *Kultura-Soċjetà-Knisja*
LN: *Lajċi Nsara*
XK: *Xandir tal-Kelma*
LS: *Liturġija u Sagramenti*
DĠ: *Djakonija u Ġustizzja*
ŻF: *Żwieġ u Familja*
AŻ: *Adolexxenti u Żgħażagħ*



# IL-VIŻJONI U L-MISSJONI

# IL-VIŻJONI

**Il-Knisja f'Malta**
**tagħraf u tilqa' s-sejħa tas-Sinodu Djoċesan**
**li tkun miftuħa għall-Ispirtu ta' Alla**
**biex timxi wara Ġesù Kristu**
**fit-triq lejn il-Missier**
**b'impenn ta' servizz lejn il-bniedem.**

# IL-MISSJONI

**Il-Knisja f'Malta**
**twettaq is-Sinodu Djoċesan**
**billi tkun Knisja li tinbena fil-formazzjoni,**
**waqt li tissaħħaħ fil-komunjoni ta' aħwa**
**u d-djalogu fi ħdanha;**
**b'impenn kbir fl-evanġelizzazzjoni ġdida,**
**tidħol fi djalogu mas-soċjetà,**
**filwaqt li tgħix b'imħabba kbira lejn kulħadd**
**u b'sens kbir ta' qadi u solidarjetà**
**tfittex lill-imbegħdin u lill-emarġinati.**



# L-GĦANIJIET TAL-PJAN

## Animazzjoni tal-fidi 1

- Isiru proġetti ta' animazzjoni tal-fidi fid-djoċesi, indirizzati lejn l-adulti, u li jkunu mibnija fuq il-Kelma ta' Alla u jinkludu edukazzjoni fit-talb, liturġija u djakonija u impenn soċjali flimkien.

## Ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija tal-Ħadd 2

- Titjib fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa tal-Ħadd u l-festi liturġiċi.

## Formazzjoni skond il-linji-gwida tas-Sinodu 3

- Jitwaqqaf u jibda jaħdem l-Istitut Djoċesan ta' Formazzjoni Pastorali u ssir enfasi fuq il-formazzjoni skond il-linji-gwida li joħorġu mid-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan.

## Attenzjoni partikulari lill-familja u lill-adolexxenti/żgħażagħ 4

- Tingħata attenzjoni partikulari lill-oqsma tal-familja u ta' l-adolexxenti/żgħażagħ; għal dan il-għan jitwaqqfu l-ministeri lajkali f'dawn iż-żewġ oqsma.

## Stil ta' ħajja sinodali 5

- Jissaħħaħ l-istil ta' ħajja sinodali; għal dan il-għan tiġi ri-organizzata l-komunikazzjoni u d-djalogu fi ħdan il-Knisja.

## Djalogu mas-soċjetà u impenn ta' qadi u solidarjetà 6

- Jissaħħaħ id-djalogu tal-Knisja mas-soċjetà u l-kontribut tagħha fejn jidħlu l-promozzjoni tal-valuri u t-tagħlim soċjali tal-Knisja, b'inizjattivi ġodda favur l-emarġinati tas-soċjetà.

# Animazzjoni tal-Fidi

I

## Mis-sitwazzjoni preżenti għas-sitwazzjoni mixtieqa

Tinħass il-problema tan-nuqqas ta' fidi li ddawwal il-ħajja.

Is-Sinodu jfisser kif il-Knisja trid twieġeb għall-isfida doppja ta' injoranza reliġjuża u nuqqas ta' fidi kemm bi strateġija soda u serja ta' edukazzjoni u formazzjoni, u kemm bi strateġija pastorali biex fil-konfront tal-kultura emerġenti fostna, il-messaġġ evanġeliku jkun kredibbli u hi stess bħala Knisja tkun sinjal konsistenti (KSK 72).

Is-Sinodu jsejħilna biex nużaw il-ħin tagħna bl-aħjar mod għall-animazzjoni tal-fidi tal-Poplu ta' Alla (XK 48). Jagħti enfasi partikulari fuq il-parroċċa – li ssir dejjem aktar ċentru ta' animazzjoni tal-fidi tal-Poplu ta' Alla u dan ikun il-kriterju u l-kejl ta' dak kollu li jsir fil-parroċċa (XK 18; 30).

## Strateġija

Huma ppjanati li jsiru proġetti ta' animazzjoni tal-fidi mibnija fuq il-Kelma ta' Alla u li jinkludu l-aspetti ta' edukazzjoni fit-talb, liturġija, djakonija u impenn soċjali.

Din il-ħidma se tkun immirata prinċipalment lejn l-adulti kif ukoll lejn udjenzi partikulari.

Hi ppjanata wkoll ħidma biex tkun studjata aktar fil-fond is-sitwazzjoni ta' evanġelizzazzjoni f'pajjiżna u biex ikunu ċċarati l-edukazzjoni reliġjuża fl-iskejjel u l-katekeżi fil-parroċċi u l-komplimentarjetà tat-tnejn li huma.

| Ħidma koordinata minn strutturi djoċesani | Responsabbiltà *(fejn jissemmew diversi, ifisser li se ssir ħidma flimkien)* |
|---|---|
| • Jitħaddem proġett ta' animazzjoni fil-fidi fost l-adulti fil-parroċċi (XK 32; KSK 84iii). Dan se jsir għal kulħadd imma b'enfasi speċjali għall-ġenituri li t-tfal tagħhom se jersqu għall-Ewwel Tqarbina u għall-Griżma. | *Segretarjat Parroċċi*<br>*Segretarjat Katekeżi*<br>*Segretarjat Caritas*<br>*Segretarjat Liturġija*<br>*Kulleġġ tal-kappillani* |
| • Titfassal u titħaddem katekeżi ta' l-adulti għas-Sagrament tal-Magħmudija (XK 42). | *Segretarjat Katekeżi*<br>*Kulleġġ tal-kappillani*<br>*Moviment ta' Kana* |
| • Ikun ippreparat u diskuss b'konsultazzjoni dokument li jittratta n-natura u l-finalitajiet ta' l-edukazzjoni reliġjuża fl-iskejjel u l-katekeżi fil-parroċċa, u li jagħti linji-gwida (XK 39). | *Segretarjat Katekeżi*<br>*Segretarjat Edukazzjoni* |
| • Tiġi studjata s-sitwazzjoni preżenti ta' l-evanġelizzazzjoni f'pajjiżna u jiġu proposti l-mezzi kif din għandha ssir (KSK 83i). | *Segretarjat Katekeżi*<br>*Discern*<br>*Seg Kom Soċjali* |
| • Ikunu pprovduti riżorsi għat-tħejjija xierqa tas-sagramenti (XK 42). | *Segretarjat Katekeżi*<br>*Segretarjat Liturġija* |
| • Isir proġett ta' akkumpanjament fil-mixja tal-fidi ma' familji li jkollhom fi ħdanhom trabi b'diżabilità u ma' persuni b'diżabilità intellettwali (VKK 18 vii). | *Segretarjat Katekeżi*<br>*Kummmissjoni persuni b'diżabilità* |

| | |
|---|---|
| • Isir approfondiment b'mod aġġornat tal-formazzjoni tal-membri ta' l-għaqdiet u l-movimenti fil-karizmi partikulari tagħhom (LN 62). | *Segretarjat Lajċi*<br>*Forum tal-Għaqdiet u tal-Movimenti* |
| • Issir ħidma biex il-*lay associates* fi ħdan il-kongregazzjonijiet reliġjużi jkunu apprezzati u magħrufa u joħorġu x-xhieda tal-karizmi partikulari tagħhom fi ħdan il-Knisja (KSK 40). | *Segretarjat Lajċi*<br>*Delegat Ħajja Konsagrata* |
| • Fl-iskejjel tal-Knisja, issir ħidma ta' tisħiħ fil-valuri nsara fost l-għalliema u tagħrif dwar il-karizma tal-kongregazzjoni reliġjuża (KSK 38; 40). | *Segretarjat Edukazzjoni* |
| • Jiġi promoss it-turiżmu reliġjuż (KSK 34). | *Segretarjat Emigranti* |
| • Ikun pubblikat ktejjeb tat-talb għall-familja (ŻF 53). | *Kumm Djoċ Familja*<br>*Segretarjat Liturġija*<br>*Segretarjat Katekeżi*<br>*Seg Kom Soċjali* |

| Impenji li qed jittieħdu biex jitwettaq l-għan | Responsabbiltà<br>*(fejn jissemmew diversi, ifisser li se ssir ħidma minn diversi entijiet)* |
| --- | --- |
| • Djar immexxija minn reliġjużi jgħinu fl-animazzjoni tal-fidi, billi jilqgħu nies li jixtiequ jagħmlu laqgħat ta' talb, irtir u *live-ins* u esperjenza fil-komunjoni (VKK 29). | *Patrijiet Agostinjani*<br>*Patrijiet Karmelitani*<br>*Sorijiet Sacred Heart*<br>*Sorijiet Dumnikani* |
| • Ikun hemm programm ta' formazzjoni kontinwa għall-kollaboraturi lajċi – formazzjoni fil-kariżma tal-kongregazzjoni biex il-lajċi jistgħu jipparteċipaw fl-appostolat tagħha (KSK 40). | *Patrijiet Ġiżwiti*<br>*Patrijiet Karmelitani*<br>*Sorijiet Dumnikani*<br>*Sorijiet St Joseph*<br>*Franġiskani Missjunarji ta' Marija*<br>*Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu'* |
| • Tkompli l-ħidma li ssir permezz tal-*Parish Ignatian Ministry* – esperjenzi ta' talb gwidat fil-ħajja ta' kuljum u mifrux fuq numru ta' ġimgħat f'diversi parroċċi (LS 35). | *Ċentru Spiritwalità Injazjana* |
| • Ikompli l-kors ta' taħriġ ta' diretturi spiritwali (XK 30). | *Ċentru Spiritwalità Injazjana* |
| • Ikun hemm skemi tal-laqgħat ta' kull ġimgħa mmirati għall-animazzjoni fil-fidi (XK 30). | *Azzjoni Kattolika* |

| | |
|---|---|
| • Ikun hemm tisħiħ tal-ħidma fost l-adulti fl-aspetti tal-Kelma ta' Alla u fl-edukazzjoni fit-talb (LS 35). | *Museum (nisa)* |
| • Issir katekeżi għall-adulti f'komunitajiet parrokkjali (LS 31). | *Mixja Neokatekumenali* |
| • Jissaħħu l-ġimgħat ta' tagħlim fil-parroċċi (LN 50). | *Museum (irġiel)* |
| • Fl-iskejjel tal-Knisja, tissaħħaħ l-edukazzjoni fil-fidi permezz ta' laqgħat u attivitajiet immirati kemm għall-ġenituri kif ukoll għall-għalliema (KSK 36, 40) – eż:<br>• laqgħat ta' formazzjoni tal-ġenituri;<br>• quddiesa ta' kull xahar għall-familji;<br>• eżerċizzi għall-għalliema;<br>• *live-in* għall-għalliema. | *Kulleġġ Santu Wistin*<br>*Kulleġġ St Michael*<br>*Seminarju Minuri*<br>*Savio College*<br>*St Francis, Msida* |

# Ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija tal-Ħadd

2

## Mis-sitwazzjoni preżenti għas-sitwazzjoni mixtieqa

Is-Sinodu juri l-ħtieġa ta' titjib fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija tal-Ħadd, speċjalment fis-sens ta' ċelebrazzjoni, fil-parteċipazzjoni, fil-kant, fl-omelija u fir-rabta tagħha mal-ħajja ta' kuljum (LS 33).

Il-quddiesa tal-Ħadd hi wkoll il-mument partikulari meta ħafna nsara Maltin jiġu f'kuntatt mal-Knisja, b'sens ta' impenn li jvarja ħafna (KSK 61).

Il-Knisja universali wkoll qed tiddedika sena għall-Ewkaristija, biex l-insara jinżlu aktar fil-profond fit-tifsira tagħha. Qed tingħata għalhekk importanza partikulari liċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija nhar ta' Ħadd.

## Strateġija

Hi ppjanata ħidma biex isir titjib fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija tal-Ħadd – kemm f'dik li ssir għall-pubbliku in ġenerali, kif ukoll f'dik li tolqot aktar udjenzi partikulari (tfal, żgħażagħ).

Issir ħidma wkoll li tgħin fit-tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija.

Il-pjan jaħseb ukoll biex isir ċensiment ta' dawk li jieħdu sehem fil-quddiesa tal-Ħadd – bħalma jsir fl-Arċidjoċesi kull għaxar snin – bil-għan li l-indikazzjonijiet li joħorġu jkunu ta' għajnuna għall-ħidma pastorali.

| **Ħidma koordinata minn strutturi djoċesani** | **Responsabbiltà** *(fejn jissemmew diversi, ifisser li se ssir ħidma flimkien)* |
|---|---|
| • Issir ħidma f'kull parroċċa f'Malta għal titjib fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa tal-Ħadd, f'diversi aspetti tagħha: qari, kant, omelija, servizzi (LS 7-11, 15). | *Segretarjat Liturġija*<br>*Segretarjat Katekeżi*<br>*Parroċċi* |
| • Titwaqqaf jew tiġġedded il-Kummissjoni Liturġika fil-parroċċa skond linji-gwida (LS 15). | *Segretarjat Liturġija*<br>*Parroċċi* |
| • Issir animazzjoni aħjar tal-quddiesa tal-Ħadd fuq it-televiżjoni u r-radju (LS 15). | *Segretarjat Liturġija*<br>*Seg Kom Soċjali* |
| • Jiġu ppreparati sussidji għall-quddiesa tat-tfal (LS 15). | *Segretarjat Liturġija*<br>*Segretarjat Katekeżi* |
| • Jitħejjew proposti ta' ċelebrazzjonijiet liturġiċi għall-quddies għall-adolexxenti (AŻ 49-50). | *Segretarjat Katekeżi*<br>*Kumm Djoċ Żgħażagħ*<br>*Segretarjat Liturġija* |
| • Jittieħdu inizjattivi għal liturġija ħajja għaż-żgħażagħ fil-parroċċi billi jiġu ffurmati gruppi għall-animazzjoni liturġika (AŻ 50). | *Kumm Djoċ Żgħażagħ*<br>*Segretarjat Liturġija*<br>*Parroċċi* |
| • Isir ċensiment fuq l-attendenza tal-Maltin fil-Quddies tal-Ħadd (2005) u analiżi fuqu. | *Discern*<br>*Parroċċi* |

| | |
|---|---|
| • Ikun hemm *follow-up* tas-seminar dwar l-omelija li sar lis-saċerdoti f'Settembru 2004 (XK 41; LS 9). | *Segretarjat Kleru u Ħajja Konsagrata* |
| • Ikunu ppubblikati kotba liturġiċi – i.e. Reviżjoni tal-Lezzjonarju ferjali u tal-Ħdud; Direttorju għad-Devozzjonijiet Popolari; Daħla għall-Missal Ruman (LS 10). | *Kummissjoni Liturġika Nazzjonali* |
| • Ikun hemm ħidma biex tibda ssir, f'kull skola tal-Knisja, tħejjija tal-Evanġelju ta' Jum il-Mulej (LS 14). | *Segretarjat Edukazzjoni*<br>*Segretarjat Katekeżi*<br>*Segretarjat Liturġija*<br>*Seg Kom Soċjali* |
| **Impenji li qed jittieħdu biex jitwettaq l-għan** | **Responsabbiltà**<br>*(fejn jissemmew diversi, ifisser li se ssir ħidma minn diversi entijiet)* |
| • Ikun hemm liturġija formattiva għaż-żgħażagħ fil-Knisja ta' Sarria s-Sibt filgħaxija (AŻ 49). | *Patrijiet Ġiżwiti* |
| • Isiru lezzjonijiet dwar il-liturġija lill-membri li ħafna minnhom impenjati f'ħidma liturġika fil-parroċċi. L-irtiri ta' matul 2005-2006 jiffukaw fuq l-Ewkaristija (LS 32-33). | *Azzjoni Kattolika* |

| | |
|---|---|
| • Issir ħidma ta' tiġdid fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. | *Mixja Neokatekumenali* |
| • Issir ħidma għal parteċipazzjoni aħjar tat-tfal u l-adolexxenti fil-quddiesa tal-Ħadd (AŻ 49-50). | *Museum (irġiel)* |
| • Issir ħidma biex jissaħħaħ l-apprezzament taċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fl-iskejjel, b'mod li l-istudenti jagħtuha l-importanza li tixirqilha (AŻ 46-47, 49). | *Kulleġġ Santu Wistin*<br>*Kulleġġ St Michael's*<br>*Seminarju Minuri*<br>*Skejjel St Joseph*<br>*De La Salle College* |

# Formazzjoni skond il-linji-gwida tas-Sinodu

3

## Mis-sitwazzjoni preżenti għas-sitwazzjoni mixtieqa

Id-dokumenti tas-Sinodu jagħmlu enfasi partikulari fuq il-ħtieġa ta' formazzjoni fost l-insara Maltin (LN 46). Il-Knisja kollha għandha dejjem aktar tagħmel ħilitha sabiex tisħaq fuq il-formazzjoni kontinwa tal-membri tagħha kollha... (KSK 36).

Is-Sinodu jfisser kif waħda mill-ikbar sfidi li għandha quddiemha l-Knisja f'Malta bħalissa hi li tipprepara nsara għall-ħtiġijiet veri tar-realtà soċjali kif inhi llum, speċjalment bl-esiġenzi tal-familja, tad-dinja tal-politika, ta' l-ekonomija, tal-kultura u ta' l-edukazzjoni (KSK 75). Is-Sinodu jenfasizza l-post privileġġjat tal-formazzjoni spiritwali (LN 58).

Hawn ħtieġa wkoll ta' koordinament fl-isforzi differenti ta' formazzjoni fid-djoċesi. Hawn ħtieġa ta' formazzjoni fil-mentalità nnifisha tas-Sinodu.

## Strateġija

Biex jintlaħaq dan l-għan, jitwaqqaf l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali, kif hemm fid-dokumenti tas-Sinodu (XK 32). Dan hu proġett ta' importanza kbira. Il-ħsieb ta' Istitut ta' Formazzjoni Pastorali għandu jgħin biex jitfassal proġett komuni ta' formazzjoni b'indirizz aktar speċifiku għal ċerti ħtiġijiet u b'mod li l-isforzi jkunu iżjed koordinati (KSK 76).

Permezz ta' dan l-Istitut, isiru korsijiet regolari u koordinati għall-operaturi pastorali u dan jgħin biex l-insara Maltin jagħrfu s-sejħa tagħhom fi ħdan Knisja komunità (XK 38).

Sakemm jitwaqqaf l-Istitut, isiru korsijiet ta' formazzjoni mmirati lejn udjenzi differenti u f'oqsma differenti, identifikati mis-Sinodu.

Tkompli l-ħidma fuq sussidji li jgħinu biex jinxtered il-messaġġ li joħroġ mid-dokumenti tas-Sinodu.

| **Ħidma koordinata minn strutturi djoċesani** | **Responsabbiltà** *(fejn jissemmew diversi, ifisser li se ssir ħidma flimkien)* |
| --- | --- |
| • Jitwaqqaf u jibda jaħdem l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali (XK 32; KSK 76) b'mod li jkun hemm proġetti komuni ta' formazzjoni skond il-ħtiġijiet ta' llum u b'mod iżjed koordinat. | *Arċidjoċesi* |
| • Issir ħidma biex l-Istitut Kattoliku jkun Ċentru ta' formazzjoni u ta' kultura b'ispirazzjoni Kattolika. Għalhekk l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali jkollu l-uffiċċji tiegħu fl-Istitut Kattoliku (KSK 41; XK 26). | *Arċidjoċesi* |
| • Tkompli ssir il-ħidma li bdiet li jitqassmu sussidji fuq diversi suġġetti ttrattati fid-dokumenti tas-Sinodu, u li jgħinu fil-formazzjoni tal-mentalità tas-Sinodu. | *Segreterija Pastorali*<br>*Parroċċi* |

| | |
|---|---|
| • Tkompli l-ħidma biex ikunu approfonditi aktar tliet oqsma partikulari identifikati mill-Assemblea tas-Sinodu: il-persuni b'diżabilità; il-Knisja u l-qasam ta' l-edukazzjoni; il-ħajja konsagrata. | *Segreterija Pastorali u t-taqsimiet konċernati* |

*Il-korsijiet indikati hawnhekk iridu jkunu 'l quddiem koordinati mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.*

| | |
|---|---|
| • Jissaħħaħ il-programm ta' formazzjoni permanenti għas-saċerdoti, b'inizjattivi ġodda (KSK 81-82). | *Segretarjat Kleru u Ħajja Konsagrata* |
| • Isir kors f'*leadership skills* għall-adulti (LN 64). | *Forum* |
| • Isiru stediniet regolari u ssir enfasi fuq l-importanza ta' formazzjoni kontinwa lill-operaturi pastorali fil-parroċċi (XK 38; KSK 73). | *Segretarjat Parroċċi* |
| • Isir programm ta' formazzjoni għal-Letturi, Ministri Straordinarji tat-Tqarbin u l-membri tal-Kummissjoni Liturġika Parrokkjali – imqassam f'laqgħat fl-unitajiet (LS 4). | *Segretarjat Liturġija Parroċċi* |
| • Ikun hemm taħriġ fil-komunikazzjoni simbolika fil-mixja ta' fidi għall-persuni b'diżabilità intellettwali (VKK 18vii). | *Kummissjoni persuni b'diżabilità Segretarjat Katekeżi* |

| | |
|---|---|
| • Isir kors għall-*youth leaders* b'kollaborazzjoni mas-*Salesian Pastoral Youth Service* (AŻ 35). | *Kumm Djoċ Żgħażagħ* |
| • Isir kors intensiv dwar l-ambjent naturali fil-gżejjer Maltin. Jiġi ppubblikat ktejjeb dwar il-ħarsien ta' l-ambjent u r-reliġjon (KSK 53). | *Kummissjoni Ambjent* |
| **Impenji li qed jittieħdu biex jitwettaq l-għan** | **Responsabbiltà** *(fejn jissemmew diversi, ifisser li se ssir ħidma minn diversi entijiet)* |
| • F'kollaborazzjoni ma' l-Istitut ta' Formazzjoni, iċ-Ċentru Spiritwalità Injazjana joffri s-servizzi tiegħu fl-organizzazzjoni ta' korsijiet u esperjenzi formattivi (KSK 83iii). | *Ċentru Spiritwalità Injazjana* |
| • Iċ-Ċentru Spiritwalità Marjana jorganizza seminars ta' formazzjoni fuq l-ispiritwalità Marjana (AŻ 43). | *Patrijiet Karmelitani* |
| • Jingħata kontribut mill-membri tas-Soċjetà fl-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali (XK 32). | *Museum (irġiel)* |

- Isiru korsijiet ta' formazzjoni mill-komunitajiet reliġjużi bil-għan li jintlaħqu kemm il-kongregazzjonijiet infushom kif ukoll ħaddiema oħra fi ħdanhom (KSK 81-82).

  *Sorijiet Sacred Heart*
  *Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù*
  *Sorijiet Agostinjani*

- Djar tar-reliġjużi jkunu miftuħin għal-laqgħat ta' formazzjoni kemm għal-lajċi kif ukoll għar-reliġjużi (VKK 29).

  *Sorijiet Sacred Heart*
  *Sorijiet Ursolini*

- Ikun hemm korsijiet ta' formazzjoni fi ħdan l-għaqdiet u l-movimenti kemm għall-membri nfushom kif ukoll biex iwettqu aħjar l-appostolat tagħhom (LN 58; 62).

  *Museum*
  *SAS – Azzjoni Kattolika*
  *Legion of Mary*
  *Youth Fellowship*

- Isiru korsijiet speċifiċi fuq l-ispiritwalità ta' komunjoni kif imfassla fl-enċiklika *Novo Millenio Ineunte* u fid-dokument *Viżjoni ta' Knisja komunjoni* (VKK 17-18; LN 62).

  *Fokolari*

# Attenzjoni partikulari lill-familja u lill-adolexxenti/żgħażagħ

4

## Mis-sitwazzjoni preżenti għas-sitwazzjoni mixtieqa

Il-familja u l-adolexxenti/żgħażagħ ġew identifikati mis-Sinodu bħala żewġ oqsma ta' attenzjoni partikulari fil-ħidma pastorali tal-Knisja. Kien għalhekk li ż-żewġ dokument *Adolexxenti u Żgħażagħ* u *Żwieġ u Familja* jindikaw b'mod ċar is-sitwazzjoni preżenti u 'l fejn il-Knisja trid timxi fil-ħidma pastorali tagħha.

## Strateġija

Dawn iż-żewġ oqsma qed ikunu indikati għall-ministeri lajkali, li jgħinu biex il-Knisja tiskopri l-għana tal-ministerjalità (VKK 17). Dawn il-ministeri jservu għal koordinament akbar fil-ħidma pastorali f'dawn iż-żewġ oqsma.

Il-pjan jara kif il-ħidma pastorali mal-familji jkollha post speċjali fil-parroċċa (ŻF 29). Din il-ħidma tfittex li tagħti appoġġ sħiħ lill-familji, b'attenzjoni speċjali għal dawk li huma f'diffikultajiet (LN 34; ŻF 12).

Il-pastorali tal-Knisja fost l-adolexxenti u ż-żgħażagħ u magħhom trid tagħti attenzjoni lil tliet kategoriji ta' żgħażagħ: (i) dawk li huma membri attivi fil-Knisja; (ii) dawk li jipprattikaw ir-reliġjon b'mod iżjed 'kulturali' u (iii) dawk 'il bogħod mill-Knisja (AŻ 8).

Fiż-żewġ oqsma, issir riċerka fuq is-sitwazzjoni biex il-Knisja tkompli tagħraf ir-realtà b'mod aktar ċar u din tgħin għal ħidma pastorali aħjar.

| **Ħidma koordinata minn strutturi djoċesani** | **Responsabbiltà** *(fejn jissemmew diversi, ifisser li se ssir ħidma flimkien)* |
|---|---|
| • Issir ħidma biex l-Arċidjoċesi jkollha l-ministeri lajkali (VKK 17) f'dawn iż-żewġ oqsma: familja u adolexxenti/żgħażagħ (AŻ 18). Jibda għalhekk it-taħriġ għal dawn il-ministeri. | *Arċidjoċesi* |

## Familja

| | |
|---|---|
| • Issir edukazzjoni fuq il-valuri tal-familja fost iż-żgħażagħ, fost koppji namrati u fost il-miżżewġin ġodda. Tintuża l-*media* biex titwassal din l-edukazzjoni fuq il-valuri tal-familja (ŻF 30; LN 60). | *Kumm Djoċ Familja*<br>*Kumm Djoċ Żgħażagħ*<br>*Moviment ta' Kana* |
| • Ikun hemm tisħiħ tal-Kummissjoni Familja Parrokkjali fid-dawl tal-linji-gwida aġġornati. Fejn m'hemmx, titwaqqaf din il-Kummissjoni (ŻF 29). | *Kumm Djoċ Familja*<br>*Parroċċi* |
| • Ikun hemm aktar żjarat fil-familji mill-operaturi pastorali fil-komunitajiet parrokkjali (ŻF 44; XK 42). | *Parroċċi* |

| | |
|---|---|
| • Ikun hemm tisħiħ tas-servizzi li jagħti l-Moviment ta' Kana billi ssir valutazzjoni ta' l-istrutturi u l-ħidmiet tagħha (ŻF 34):<br>• *counsellors* ġodda u servizz ta' *counselling* fil-parroċċi (ŻF 38);<br>• aġġornament tal-kors ta' Kana u tal-koppji mexxejja (ŻF 30-31; 33);<br>• preparazzjoni ta' materjal għal-laqgħat *going steady* (ŻF 30);<br>• jitwaqqaf grupp immirat għall-koppji għarajjes li attendew il-kors ta' Kana (ŻF 35). | *Moviment ta' Kana Parroċċi* |
| • Isir *follow-up* tal-ħidma tat-*task force* li twaqqfet rigward il-*backlog* fit-Tribunal Ekkleżjastiku. Titwaqqaf u tibda taħdem il-Kummissjoni Pastorali Tribunal Ekkleżjastiku (ŻF 47-48). | *Arċidjoċesi* |
| • Jissaħħu u jitwaqqfu gruppi ta' sapport għas-separati (ŻF 34). | *Kumm Djoċ Familja* |
| • Tingħata għajnuna fl-evanġelizzazzjoni mil-lajċi preżenti fis-setturi tal-familja u taż-żgħażagħ (LN 73). | *Segretarjat Lajċi* |

| | |
|---|---|
| • Tkun approfondita t-tema 'il-familja u x-xogħol' f'seminar bis-sehem ta' l-imsieħba soċjali (ŻF 17). | *Taqsima Pastorali Xogħol*<br>*Kumm Djoċ Familja* |
| • Jitħejja rapport li jagħti spjegazzjoni tal-pożizzjoni f'pajjiżna, dwar dawn l-*issues* konnessi mal-familja: divorzju, abort (ŻF 45-46). | *Kumm Djoċ Familja* |
| • Ikun hemm aġġornament tal-korsijiet għall-għarajjes Maltin li jiżżewġu barranin (ŻF 51). | *Segretarjat Emigranti* |
| • Jinħoloq aktar kuntatt ma' Maltin li jiżżewġu barranin bi żwieġ ċivili (ŻF 49). | *Segretarjat Emigranti*<br>*Parroċċi* |
| • Isir studju b'riċerka fuq il-familja Maltija (ŻF 23). | *Discern*<br>*Kumm Djoċ Familja*<br>*Moviment ta' Kana*<br>*Catholic Enquiry Centre* |

| **Impenji li qed jittieħdu biex jitwettaq l-għan** | **Responsabbiltà** |
|---|---|
| • Membri ta' l-Azzjoni Kattolika jkunu 'koppji mexxejja' fil-korsijiet ta' tħejjija għaż-żwieġ (ŻF 33). | *Azzjoni Kattolika* |
| • Isiru laqgħat ta' *follow-up* wara l-kors ta' tħejjija għall-għarajjes (ŻF 35). | *Youth Fellowship* |

| | |
|---|---|
| • Tittella' FamiljaFest fil-Mariapoli f'April 2005. | *Fokolari* |
| • Tiżdied il-koordinazzjoni interna bejn l-għalliema tal-PSD, tar-Reliġjon u ta' l-Istudji Soċjali biex tissaħħaħ it-tħejjija ta' l-adolexxenti għall-ħajja tal-familja (ŻF 30). | *Seminarju Minuri* |

| **Adolexxenti/Żgħażagħ** | **Responsabbiltà** *(fejn jissemmew diversi, ifisser li se ssir ħidma flimkien)* |
|---|---|
| • Jitħejja programm ta' katekeżi għall-adolexxenti (AŻ 33). | *Segretarjat Katekeżi*<br>*Kumm Djoċ Żgħażagħ* |
| • Issir riċerka fuq it-tendenzi reliġjużi taż-żgħażagħ (AŻ 4). | *Discern*<br>*Kumm Djoċ Żgħażagħ*<br>*Segretarjat Katekeżi* |
| • Jinħolqu linji-gwida għall-kummissjoni adolexxenti/żgħażagħ fil-parroċċi (AŻ 19-20). Fejn m'hemmx, titwaqqaf din il-kummissjoni. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ*<br>*Parroċċi* |
| • Jiġu organizzati *weekend encounters* u *adventure weekends* għaż-żgħażagħ, bil-għan li jgħinuhom fil-valuri tal-ħajja (AŻ 33iii). | *Kumm Djoċ Żgħażagħ* |

| | |
|---|---|
| • Ikun hemm tisħiħ tas-servizz tar-*religious counsellors* fl-iskejjel, fost l-adolexxenti (AŻ 40). | *Segretarjat Katekeżi* |
| • Issir sensibilizzazzjoni ta' l-adolexxenti u taż-żgħażagħ fuq 'id-dinjità tal-bniedem' speċjalment fl-iskejjel, b'għajnuniet lill-għalliema (AŻ 36). | *Kumm Ġustizzja u Paċi*<br>*Segretarjat Katekeżi* |
| • Jinħoloq kuntatt ma' l-istudenti barranin Kattoliċi biex ikunu offruti lilhom is-servizzi meħtieġa (AŻ 60). | *Segretarjat Emigranti* |

| **Impenji li qed jittieħdu biex jitwettaq l-għan** | **Responsabbiltà**<br>*(fejn jissemmew diversi, ifisser li se ssir ħidma minn diversi entijiet)* |
|---|---|
| • Ikun hemm impenn għall-ħidma koordinata maż-żgħażagħ permezz ta' l-*Ignatian Youth Network*. | *Patrijiet Ġiżwiti* |
| • Ikun hemm tisħiħ taċ-*Chaplaincies* fl-Università u fil-*Junior College* fost l-istudenti żgħażagħ (LN 73). | *Patrijiet Ġiżwiti* |
| • Ikun hemm involviment ta' gruppi ta' żgħażagħ fi proġetti ta' volontarjat u ħidma soċjali kemm barra kif ukoll f'Malta (AŻ 54; DĠ 34). | *Patrijiet Ġiżwiti* |

| | |
|---|---|
| • Isiru seminars għall-istudenti universitarji (LN 73). | *Salesian Pastoral Youth Service* |
| • Ikun hemm faċilitajiet aħjar għall-gruppi ta' żgħażagħ, fi djar immexxija mir-reliġjużi. | *Patrijiet Minuri*<br>*Sorijiet Sacred Heart* |
| • ŻAK, b'kooperazzjoni mal-KDŻ, tkompli ssaħħaħ u tifrex il-ħidma tagħha fost l-adolexxenti u ż-żgħażagħ fil-parroċċi. | *Azzjoni Kattolika* |
| • Ikun hemm laqgħat regolari għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ, b'enfasi fuq formazzjoni spiritwali. | *Youth Fellowship*<br>*Mixja Neokatekumenali* |
| • Issir evanġelizzazzjoni fost l-istudenti fl-iskejjel permezz ta' ACTS (AŻ 32). | *Youth Fellowship* |
| • Issir evanġelizzazzjoni fost l-istudenti barranin fis-sajf (AŻ 60). | *Youth Fellowship* |
| • Tingħata aktar attenzjoni għall-membri bejn it-12 u t-18-il sena. Isir eżerċizzji u valutazzjoni fuq metodi u tmexxija ta' dawn il-gruppi. | *Legion of Mary* |
| • Tissaħħaħ il-ħidma vokazzjonali, b'laqgħat għall-adolexxenti u żgħażagħ fil-parroċċi, fil-komunitajiet u fl-iskejjel (AŻ 37). | *Ċentru Vokazzjonijiet Djoċesani*<br>*Parroċċi*<br>*Kongregazzjonijiet Reliġjużi* |

| | |
|---|---|
| • Issir ħidma biex tissaħħaħ l-*ethos* ta' l-iskola, bil-kollaborazzjoni ta' kulħadd, għall-ġid ta' l-istudenti u tal-familji tagħhom (KSK 36). | *Skola Sacred Heart*<br>*Skola San Alwiġi* |
| • Issir ħidma ta' animazzjoni spiritwali u ta' promozzjoni tal-valuri nsara għall-istudenti (eż. irtiri, laqgħat ta' talb, seminars, *live-ins*) (AŻ 24). | *Skola Sacred Heart*<br>*Imm Conception School*<br>*Savio College*<br>*De La Salle College*<br>*Skejjel St Joseph* |
| • Isiru laqgħat, seminars u *week-end live-ins* għall-istudenti b'temi soċjali; u jkun hemm involviment ta' studenti f'ħidma volontarja ma' nies fil-bżonn (KSK 38; AŻ 54). | *Kulleġġ Santu Wistin*<br>*Imm Conception School*<br>*De La Salle College*<br>*Stella Maris College* |

# Stil ta' ħajja sinodali 5

## Mis-sitwazzjoni preżenti għas-sitwazzjoni mixtieqa

Is-Sinodu m'huwiex biss ġrajja tal-Knisja f'Malta li ġrat fi żmien partikulari. Imma hu wkoll stil ta' ħajja fil-Knisja, li jkompli wara din il-ġrajja.

Tinħass il-ħtieġa li dak li l-Knisja għexet fis-Sinodu jkun dejjem aktar l-istil ta' ħajja fid-diversi oqsma u strutturi tagħha. B'dan il-mod, jissaħħu l-komunikazzjoni u d-djalogu f'diversi livelli tal-ħajja tal-Knisja.

Is-Sinodu jfisser kemm hu importanti li tingħata prijorità lil spiritwalità ta' komunjoni li tkun tidher u tinħass u tingħex mill-membri kollha tal-Knisja li hi f'Malta (VKK 54). Il-komunjoni għandha tissarraf f'azzjonijiet, strutturi u *policies* konkreti - anzi stil ta' ħajja sinodali - kemm fuq livell ta' djoċesi, kemm fuq livell ta' parroċċi, kif ukoll fuq livelli oħra (moviment, għaqda, grupp, post tax-xogħol, u saħansitra ġol-familja) (VKK 20).

## Strateġija

Hi ppjanata ħidma biex jissaħħaħ l-ispirtu ta' komunjoni fost il-membri tal-Knisja u jkun hemm aktar komunikazzjoni u djalogu (VKK 52). Jissaħħu l-unitajiet pastorali biex jgħinu fl-ispirtu ta' komunjoni.

Issir valutazzjoni ta' l-istrutturi konsultattivi, biex dawn jaqdu dejjem aħjar il-funzjoni tagħhom.

Isiru proġetti partikulari bħall-*magazine* djoċesan 'Flimkien' u l-*web-site* li jgħinu biex jissaħħaħ dan l-ispirtu.

| **Ħidma koordinata minn strutturi djoċesani** | **Responsabbiltà** *(fejn jissemmew diversi, ifisser li se ssir ħidma flimkien)* |
| --- | --- |
| • Isiru analiżi u diskussjoni tar-rapport li joħroġ mill-*external audit* li sar bħala parti mill-Programm 2003-2004 għat-twettiq tas-Sinodu, u jittieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa. | *Segreterija Pastorali* |
| • Tiġi studjata reviżjoni ta' l-istrutturi pastorali djoċesani u, fejn meħtieġ, jiġu riveduti l-istatuti tas-Segretarjati u Kummissjonijiet Djoċesani. | *Segreterija Pastorali* |
| • Ikun hemm għajnuniet biex il-komunjoni tista' titwettaq aħjar fil-parroċċi (VKK 24; 34). | *Segretarjat Parroċċi*<br>*Segretarjat Kleru u Ħajja Konsagrata* |
| • Il-ħidma fuq livell ta' unità pastorali tingħata aktar importanza. Is-suġġett għall-ħidma fl-unità matul is-sena 2005 tkun 'l-ispiritwalità ta' komunjoni' (VKK 18). | *Segreterija Pastorali*<br>*Segretarjat Lajċi*<br>*Parroċċi* |
| • Issir valutazzjoni tal-kunsilli konsultattivi fil-Knisja, biex dawk ikunu valorizzati dejjem aktar u jissaħħaħ l-ispirtu ta' sinodalità (VKK 20). | *Arċidjoċesi*<br>*Parroċċi* |

- Issir ħidma qawwija biex postijiet pubbliċi tal-Knisja jsiru aċċessibbli mhux biss aċċessibbiltà fiżika imma wkoll aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità sensorjali (DĠ 24). — *Kummissjoni persuni b'diżabilità*

- Il-persuni b'diżabilità jkollhom post fil-kummissjonijiet tal-Knisja kemm fuq livell parrokkjali kif ukoll fuq livell djoċesan (AŻ 55). — *Kummissjoni persuni b'diżabilità*

- Isir proġett ta' *magazine* wieħed 'Flimkien' għall-parroċċi, b'*insert* żgħir ta' kull parroċċa. Dan jieħu post il-fuljett/*magazine* tal-parroċċa (VKK 22). — *Segretarjat Parroċċi*, *Kulleġġ tal-kappillani*

- Iseħħ il-proġett ta' *web-site* imġedda ta' l-Arċidjoċesi, li tkun mezz qawwi ta' komunikazzjoni (XK 44). — *Seg Kom Soċjali*

- Ikun ippubblikat l-istatut ġdid tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u studjat mill-membri tal-kunsilli fil-parroċċi (LN 70). — *Segretarjat Parroċċi*

- L-organizzazzjoni ta' Jum il-Lajċi Nsara 2005 u 2006 jkollha bħala skop li l-lajċi, kemm fi ħdan l-assoċjazzjonijiet kif ukoll oħrajn ta' impenn nisrani, iħossuhom parti mill-Poplu ta' Alla (LN 79). — *Segretarjat Lajċi*

| | |
|---|---|
| • Issir ħidma ta' sensibilizzazzjoni ta' lajċi li qed jagħtu sehemhom fis-Segretarjati u Kummissjonijiet Djoċesani għal aktar koordinament fis-sehem tagħhom (LN 67). | *Segretarjat Lajċi* |
| • Isir titjib fil-komunikazzjoni bejn l-aġenziji li jaħdmu fil-qasam soċjali u ma' entijiet esterni li jaħdmu fl-istess qasam (DĠ 27). | *Segretarjat Caritas* |
| • Issir ħidma biex il-Forum ikun iħaddan fih għaqdiet li għadhom m'humiex membri (LN 67). | *Forum* |
| • Issir ħidma għal aktar kollaborazzjoni bejn l-għaqdiet/movimenti u l-parroċċi (LN 71). | *Forum*<br>*Kulleġġ tal-kappillani* |

| Impenji li qed jittieħdu biex jitwettaq l-għan | Responsabbiltà |
|---|---|
| • Issir ħidma flimkien fl-Università, bejn studenti u staff li huma membri fl-għaqdiet u fil-movimenti tal-Knisja (LN 73). | *Moviment Kattoliku Studenti Universitarji*<br>*Chaplaincy Università* |
| • Ikun hemm tisħiħ ta' relazzjonijiet fl-iskejjel, biex jissaħħu l-komunikazzjoni u d-djalogu kemm internament fl-iskola partikulari, kemm fejn jidħlu l-għalliema, l-istudenti u l-ġenituri flimkien, kif ukoll ta' skejjel bejniethom (VKK 34). | *Skejjel tas-Sorijiet Agostinjani*<br>*Kulleġġ Santu Wistin*<br>*Skejjel St Joseph*<br>*St Francis, Msida* |

# Djalogu mas-soċjetà u impenn ta' qadi u solidarjetà

6

## Mis-sitwazzjoni preżenti għas-sitwazzjoni mixtieqa

Is-Sinodu juri l-ħtieġa li l-Knisja f'Malta tkun kontinwament fi djalogu mas-soċjetà – awtoritajiet, imsieħba soċjali u soċjetà ċivili - u tagħti l-kontribut fejn jidħlu l-valuri u t-tagħlim soċjali tagħha, speċjalment f'diversi *issues* ta' żmienna (DĠ 37).

Il-Knisja qed tagħraf dejjem iżjed li "titkellem" ma jfissirx biss li xxandar il-prinċipji imma wkoll li tidħol fi djalogu ma' oħrajn li qed ifittxu l-ġid komuni. Dan jgħodd mhux biss fi kwistjonijiet lokali, imma wkoll f'dawk internazzjonali, fil-kuntest ta' Ewropa dejjem aktar magħquda u ta' dinja dejjem aktar globalizzata (DĠ 14).

Is-Sinodu jenfasizza l-għażla preferenzjali tal-fqar u l-emarġinati ta' żmienna (DĠ 9; VKK 47). L-għażla preferenzjali tal-fqar tfisser impenn imġedded fl-oqsma tal-ġustizzja soċjali. Tfisser konverżjoni radikali tal-moħħ u tal-qalb, kif ukoll is-solidarjetà bħala stil ta' ħajja (VKK 46).

Is-Sinodu juri wkoll il-ħtieġa li jkunu esplorati toroq oħra u inizjattivi ġodda favur l-emarġinati fis-soċjetà, speċjalment issa li l-Istat ukoll jipprovdi ċerti servizzi li fl-antik bdiethom il-Knisja u kompliethom hi għal ħafna snin.

## Strateġija

Hi ppjanata ħidma li ssaħħaħ id-djalogu bejn il-Knisja u s-soċjetà. Jitwaqqfu wkoll kummissjonijiet ġodda li jgħinu f'dan id-djalogu u fil-kontribut li l-Knisja tista' tagħti għall-ġid tal-bniedem.

Il-Knisja tkompli taħdem bis-sħiħ u bil-mezzi kollha possibli favur il-valur tal-ħajja.

Issir ħidma wkoll li twassal it-tagħlim soċjali tal-Knisja, speċjalment f'oqsma partikulari identifikati f'dan il-pjan mill-istrutturi tal-Knisja.

Il-Knisja f'Malta trid tisma' leħen Kristu fl-għajta għall-għajnuna li toħroġ minn fomm dawk kollha li qed ibatu; imma trid tilmħu wkoll fil-karba siekta ta' min qed ibati bla ħadd ma jinduna. Għalhekk, il-Knisja tkompli tagħti xhieda fil-konkret u b'mod dejjem kreattiv tal-għażla preferenzjali għall-fqar u l-emarġinati, b'inizjattivi favur dawk li huma emarġinati fi żmienna.

| **Ħidma koordinata minn strutturi djoċesani** | **Responsabbiltà** *(fejn jissemmew diversi, ifisser li se ssir ħidma flimkien)* |
|---|---|
| • Tkompli ssir ħidma b'impenn qawwi favur il-valur tal-ħajja (KSK 46). | *Arċidjoċesi* |
| • Ikompli u jissaħħaħ id-djalogu ma' l-imsieħba soċjali (DĠ 37; KSK 55). | *Segreterija Pastorali*<br>*Taqsima Pastorali Xogħol*<br>*Kumm Ġustizzja u Paċi*<br>*Kummissjoni Ambjent* |
| • Jissaħħaħ is-sehem f'fora u diskussjonijiet ma' aġenziji tal-Gvern kif ukoll ma' dawk mhux governattivi biex ikunu jistgħu jitjiebu l-*policies*, il-liġijiet u s-servizzi (KSK 84ii). | *Segretarjat Caritas* |

| | | |
|---|---|---|
| • | Ikun hemm impenn għal aktar kollaborazzjoni u kooperazzjoni bejn l-aġenziji kollha tal-Knisja li qed jaħdmu f'dan il-qasam (DĠ 27). | *Segretarjat Caritas* |
| • | Titwaqqaf il-Kummissjoni 'Il-Knisja f'Malta u fl-Ewropa'. Jissaħħaħ il-kontribut tal-Knisja fid-djalogu fil-kuntest ta' l-Ewropa (KSK 31). | *Kummissjoni 'Il-Knisja f'Malta u fl-Ewropa'* |
| • | Isir qsim ta' informazzjoni u forom ta' *partnerships* ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (VKK 30). | *Segretarjat Caritas* |
| • | Titwaqqaf il-Kummissjoni Kultura (KSK 41). | *Segreterija Pastorali* |
| • | Jitwaqqaf il-Kunsill tax-Xjenza (KSK 48). | *Segreterija Pastorali* |
| • | Issir ħidma biex jiġu definiti r-responsabbiltajiet u l-parametri li fihom irid jaħdem is-Segretarjat Komunikazzjoni Soċjali, u biex ikun distint mill-*Media Centre* (XK 21, 43). | *Segreterija Pastorali* |
| • | Tkun maħduma u studjata proposta għat-twaqqif ta' Kummissjoni Djoċesana għall-ħarsien tal-valuri fl-isport (LN 78). | *Segreterija Pastorali* |

| | |
|---|---|
| • Tinħoloq kuxjenza fuq it-traskuraġni waqt ix-xogħol (DĠ 37). | *Taqsima Pastorali Xogħol* |
| • Tintwera solidarjetà konkreta mal-persuni li jkollhom disgrazzja fuq il-post tax-xogħol (DĠ 37). | *Taqsima Pastorali Xogħol* |
| • Issir ħidma biex tinħoloq kuxjenza fuq id-dinjità tal-bniedem permezz ta' *video clips* fuq il-*media*; *bookmarks* fil-parroċċi; artikli; fil-liturġija (DĠ 37). | *Kumm Ġustizzja u Paċi*<br>*Seg Kom Soċjali*<br>*Parroċċi* |
| • Jitħejja dokument dwar operat nazzjonali koordinat fil-ħidma mar-refuġjati u l-immigranti illegali (DĠ 21). | *Kumm Ġustizzja u Paċi* |
| • Ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar id-dinjità tar-refuġjati fostna; u akkoljenza fi propjetà ekkleżjastika (DĠ 21). | *Segretarjat Emigranti* |
| • Ikomplu l-*Omnibus Surveys*, b'aġġornament kontinwu fuq il-bidliet soċjali (KSK 83i). | *Discern* |
| • Issir ħidma fuq il-*Poverty Observatory* (VKK 46). | *Segretarjat Caritas*<br>*Discern* |
| • Ikun hemm tiġdid fil-Kummissjoni Djakonija fil-parroċċi u fl-unitajiet pastorali (DĠ 24). | *Segretarjat Caritas*<br>*Parroċċi* |

- Tkompli tinħoloq kuxjenza fis-soċjetà dwar persuni emarġinati (VKK 45). — *Segretarjat Caritas*, *Seg Kom Soċjali*

- Jinħolqu aktar gruppi ta' sapport għall-persuni f'diffikultà (DĠ 9). — *Segretarjat Caritas*

- Issir serje ta' 26 programm fuq l-RTK dwar suġġetti soċjali (VKK 46). — *Seg Kom Soċjali*

- Tkompli l-ħidma biex tinħoloq kuxjentizzazzjoni fil-membri tal-Knisja dwar ir-responsabbiltajiet u l-etika lejn l-ambjent u jinħolqu inizjattivi f'dan ir-rigward permezz ta' pubblikazzjonijiet u konferenzi, fil-liturġija tal-Ħadd, u billi jinħoloq *network* ta' persuni f'kull parroċċa (KSK 53). — *Kummissjoni Ambjent*, *Parroċċi*

- Issir *policy*-gwida dwar l-ambjent għal min għandu responsabbiltà fil-Knisja (KSK 53). — *Kummissjoni Ambjent*

- Ikomplu jitħejjew pariri u opinjonijiet tekniċi dwar aspetti partikulari ta' l-ambjent, fi djalogu mas-soċjetà (KSK 55-56). — *Kummissjoni Ambjent*

- Ikunu analizzati u msaħħa inizjattivi pastorali permezz ta' lajċi nsara fl-oqsma ta' l-infermiera u tal-għalliema (LN 75). — *Segretarjat Lajċi*

| Impenji li qed jittieħdu biex jitwettaq l-għan | Responsabbiltà<br>*(fejn jissemmew diversi, ifisser li se ssir ħidma minn diversi entijiet)* |
|---|---|
| • Ikun hemm għajnuna u sapport legali u professjonali lir-refuġjati f'pajjiżna (DĠ 21). | *Jesuit Refugee Service* |
| • Isiru pubblikazzjonijiet, seminars u studji dwar l-iżviluppi politiko-soċjali f'pajjiżna u fid-dinja fid-dawl ta' l-Evanġelju (DĠ 14). | *Ċentru Fidi u Ġustizzja* |
| • Issir ħidma fl-edukazzjoni ta' adulti, żgħażagħ u tfal li huma żvantaġġjati minħabba l-illiteriżmu (KM 3). | *Istitut Paolo Freire* |
| • Ikun hemm kollaborazzjoni ta' l-*associates* lajċi ma' l-Istitut Paolo Freire fi proġett dwar illitteriżmu (KM 3). | *Sorijiet Sacred Heart* |
| • Ir-rivista 'Orbis' twassal riflessjonijiet, studji u valuri lil dawk involuti fil-qasam politiko-soċjali (DĠ 14). | *Patrijiet Ġiżwiti* |
| • Iċ-*Chaplaincies* ta' l-Università u tal-*Junior College* jidħlu fi djalogu ma' studenti u għalliema universitarji dwar kultura u valuri fis-soċjetà u l-Evanġelju (KSK 6; 84ii). | *Patrijiet Ġiżwiti* |

| | |
|---|---|
| • Jitwaqqaf Ċentru ta' Solidarjetà abbinat mal-*Millennium Chapel* ta' Paceville (DĠ 32). | *Patrijiet Agostinjani* |
| • Ikun hemm programm ta' prevenzjoni f'tagħrif dwar vjolenza domestika (DĠ 32; ŻF 43). | *Sorijiet Bon Pastur* |
| • Ikun hemm servizz ta' terapija psikoloġika u ta' *bereavement* fil-*Hospice Movement*; ta' *nursing* fid-Dar tal-Kleru (DĠ 32). | *Sorijiet Sacred Heart* |
| • Issir ħidma fost in-nisa f'sitwazzjonijiet żvantaġġati (DĠ 32) jew vittmi ta' vjolenza domestika. | *Franġiskani Missjunarji ta' Marija*<br>*Sorijiet Bon Pastur*<br>*Sorijiet Dumnikani* |
| • Issir ħidma fost l-ommijiet mhux miżżewġa (ŻF 40). | *Sorijiet Ursolini* |
| • Issir ħidma fost tfal abbandunati jew bi problemi oħra, fosthom ukoll tfal ta' refuġjati (DĠ 32). | *Sorijiet Ursolini* |
| • Issir ħidma fost l-anzjani fir-residenzi għalihom (LN 33; 76). | *Sorijiet Dumnikani*<br>*Little Sisters of the Poor* |
| • Jinħoloq djalogu ma' organizzazjonijiet tal-Knisja, governattivi u ċivili dwar promozzjoni tal-valur tal-ħajja (DĠ 13). | *SAS - Azzjoni Kattolika*<br>*Moviment ta' Kana* |

| | |
|---|---|
| • Jitwassal it-tagħlim soċjali tal-Knisja fost il-membri (DĠ 33). | *Neokatekumenali* |
| • Issir ħidma ta' sensibilizzazzjoni fl-iskejjel dwar ġustizzja u paċi u responsabbiltà soċjali, u identifikazzjoni ta' persuni fil-bżonn (DĠ 32). | *Skejjel St Joseph*<br>*Seminarju Minuri*<br>*Skola Sacred Heart* |
| • Issir għażla favur dawk fil-bżonn li tintwera b'attenzjoni partikulari għal studenti bi problemi jew żvantaġġjati (KSK 39; DĠ 16; VKK 34). | *Skola Dorotej, Żebbuġ*<br>*Skola Sacred Heart*<br>*Stella Maris College* |



# BIEX IL-ĦIDMA TITWETTAQ

# VALUTAZZJONI

## Biex il-ħidma titwettaq

- L-Arċisqof huwa l-animatur prinċipali tal-komunjoni u tal-ħidma pastorali tal-Knisja f'Malta. Hu jmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tas-Sinodu bis-sehem attiv ta' dawk kollha li għandhom ir-responsabbiltà li jwettqu l-pjan, u bil-parteċipazzjoni tal-Knisja f'Malta.

- Is-Segreterija Pastorali tikkoordina flimkien id-diversi oqsma tal-pjan. Tara li kull min hu responsabbli għal xi qasam tal-pjan pastorali ta' l-Arċidjoċesi jaħdem mhux għal rasu imma bi spirtu ta' komunjoni u jgħaqqad il-ħidmiet li jkunu qed isiru minn enti differenti f'dak il-qasam. Is-Segreterija Pastorali tirrapporta dwar dan lill-Kummissjoni għall-Implimentazzjoni tas-Sinodu.

- Il-Kummissjoni għall-Implimentazzjoni tas-Sinodu ssegwi t-twettiq tas-Sinodu u tagħmel valutazzjoni regolari ta' dak li jkun qed isir biex tassigura li miexi b'ritmu tajjeb fid-diversi oqsma ta' l-Arċidjoċesi.

## Valutazzjoni

- Issir valutazzjoni regolari tat-twettiq tal-pjan fil-Kunsill Presbiterali u fil-Kunsill Pastorali Djoċesan u fil-Kummissjoni għall-Implimentazzjoni tas-Sinodu.

- Issir valutazzjoni perjodikament fi strutturi oħra tal-Knisja f'Malta, bħall-Kulleġġ tal-Kappillani u l-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri Reliġjużi.

- L-Assemblea Djoċesana tat-30 ta' Settembru – 1 ta' Ottubru 2005 tagħmel valutazzjoni tal-ħidma li tkun saret fl-ewwel sena tal-pjan, kif ukoll tħares 'il quddiem lejn it-tieni sena tal-pjan.